**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 229/2022**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**-Vs-**

**ESSID ELSSAEH S. AMER (175717A)**

**Illum 12 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **ESSID ELSSAEH S. AMER** ta' 33 sena, iben Elssaeh Essid Amer u Fawzia Mabrouk Etobal, imwieled fit-18 ta' Marzu 1989 ġewwa Libya, detentur tal-Karta ta' l-identita' 175717A u mingħajr indirizz fiss, akkużat talli:

1. Nhar it-3 ta' Diċembru 2021 għal ħabta ta' bejn 17:30 Hrs u 18:00Hrs ta' filgħaxija ġewwa binja fi Triq il-Kapuċċini, 1-Marsa, irrenda ruħu kompliċi meta flimkien ma persuna oħra, serqu flus kontanti minn fuq il-persuna ta' George Xerri, li huwa anzjan

ta' wieħed u sebgħin sena (71), liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tlettin u erbgħa u disgħin ċenteżmu tal-euro (€232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37) u bil-ħin għad-dannu ta' l-istess George Xerri u/jew persuni oħra.

2. Nhar is-6 ta' Diċembru 2021 għal ħabta ta' bejn 14:00 hrs u 14:30 hrs ġewwa Triq San Gejtanu, Ħamrun irrenda ruħu kompliċi flimkien ma' persuna oħra, serq ta' mobile phone minn fuq il-persuna ta' Charles Farrugia, li huwa anzjan ta' erbgħa u sittin sena (64), liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tlettin u erbgħa u disgħin ċenteżmu tal-euro (€ 232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37) għad-dannu ta' l-istess Charles Farrugia u/jew persuni oħra.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat fl-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta għas-sigurta’ tal-persuni hawn fuq indikati.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkuzi u jikkonfermahom bil-gurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet ix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Lydon Zammit waqt l-udjenza tad-9 ta’ Mejju 2022;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet lill-imputat waqt l-istess udjenza tad-9 ta' Mejju 2022 jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-akkużi;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u wara illi kkoncedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli, semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu.

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-fatt li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li l-imputat ammetta l-htija tieghu mal-Pulizija waqt l-interrogazzjoni u kko-opera mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom dwar dawn ir-reati.  Ikkunsidrat ukoll li l-imputat għandu fedina penali kompletament netta u li hemm qbil – kif anke jinsab ammess minnu – li ma kienx hu li fiżikament wettaq ir-reati u eżerċita l-vjolenza fuq il-vittmi ta' dawn iż-żewġ serqiet għad illi eventwalment ipparteċipa fir-rikavat mir-reati u kien konxju, talanqas in kwantu jikkonċerna s-serqa mertu tat-tieni imputazzjoni, mill-ħsieb tal-awtur tar-reat li effettivament jikkommetti s-serqa.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li għalkemm l-imputat ġie mixli fl-ewwel imputazzjoni li huwa kien kompliċi f'serqa aggravata bil-vjolenza u mill-atti jirriżulta li l-vittma tar-

reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni, George Xerri, sofra offiżi ta' natura ħafifa, mhux qed jiġi mixli li kkaġuna huwa stess dawn l-offiżi. Iżda ġaladarba hemm ammissjoni tal-kompiċita' fil-kommissjoni ta' din is-serqa il-Qorti hija tal-fehma li għandha tapplika l-piena maħsuba fl-Artikolu 274(ċ) tal-Kap. 9, ċioe' piena ta' priġunerija bejn sentejn u ħames snin, miżjuda bi grad skont kif jiddisponi l-Artikolu 276A tal-Kap. 9 peress li l-imsemmi vittma għalaq l-eta' ta' sittin sena.

Madanakollu, il-Qorti tosserva illi għalkemm l-imputat ġie mixli – u ammetta – li kien kompliċi f'żewġ serqiet li huma aggravati bil-mezz, mid-dokumenti akkwiżiti fl-atti, ma jirriżultax illi f'xi waħda minn dawn is-serqiet kienet teżisti xi waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba fl-Artikolu 263 tal-Kap. 9. Kemm hu hekk, George Scerri irrapporta lill-Pulizija li l-aggressur kien liebes ġakketta bil-hoodie iżda mkien ma qal li l-aggressur kellu wiċċu mgħotti jew miżbugħ jew kien liebes maskra jew għamel xi tibdil fl-ilbies jew is-sura tiegħu tant illi huwa ddeskriva lill-aggressur tiegħu bħala persuna li għandu bejn 30 u 35 sena. Kwantu għall-vittma Charles Farrugia, mill-okkorrenza jirriżulta li l-vittma iddeskriva lil wieħed mill-aggressuri tiegħu "bid-daqna". Billi mill-istess rapporti tal-okkorrenza li saru mill-vittmi, huwa eskluż ukoll li s-serqiet in diżamina seħħew bi ksur, b'imfietaħ foloz jew bi skalata, il-Qorti anke jekk l-imputat ammetta l-kompliċita' tiegħu f'żewġ serqiet kwalifikati inter alia, bil-mezz, ma tistax issibu ħati ta' aggravanti li ma jirriżultax miċ-ċirkostanżi kif rapportati mill-vittmi nfushom u għalhekk m'hijiex sejra tapplika l-piena miżjuda skont kif stipolat fl-Artikolu 277(b) tal-Kap. 9 iżda l-piena miżjuda a tenur tal-Artikolu 277(a) tal-istess Kap. 9 in kwantu għar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni. Dan ifisser li l-piena maħsuba fl-Artikolu 276A tal-Kap. 9 ma tistax tingħata fil-minimum tagħħa għall-finijiet tal-Artikolu 20 tal-Kap. 9.

Il-Qorti qieset ukoll il-gravita` tas-serqiet li l-imputat gie akkuzat li kien kompliċi fihom, ċioe' serqiet li twettqu – waħda bil-vjolenza - fuq żewġ persuni anzjani u kwindi, vulnerabbli. Aġir bħal dan huwa kundannabbli bl-iktar mod iebes għaliex l-effett inevitabbli ta' dawn id-delitti huwa t-trawmatizzar tal-iktar membri vulnerabbli tas-soċjeta' tagħna u d-disturb serju li reati bħal dawn inisslu fis-soċjeta'. Serqiet li

mis-sottomissjonijiet li saru, jirriżulta wkoll li ġew motivati minn xejn ħlief il-vizzju tal-abbuż ta' sustanzi illeċiti, li hija ħaġa ta' stmerrija. Ikkunsidrat ukoll, in konklużjoni, illi mill-fatti li għandha quddiemha l-Qorti, l-atti li jikkostitwixxu r-reati addebitati lill-imputat, għad illi twettqu fi żminijiet differenti, jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi kif ukoll ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u konsegwentement, dawn għandhom jitqiesu bħala reat kontinwat a tenur tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 u konsegwentement sejra tingħata l-piena għar-reat l-iktar gravi, ċioe' dak addebitat fl-ewwel imputazzjoni.

Magħdud dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tinfliggi piena karcerarja effettiva.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 20, 31, 257D(b), 261(a)(ċ)(f), 262, 267, 270, 274, 276A, 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lil ESSID ELSSAEH S. AMER ħati tal-imputazzjoniijet kollha u tikkundannah erba' (4) snin priġunerija effettiva.**

**Għall-fini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Charles Zammit u ta' George Scerri, għal perijodu ta' tliet (3) snin, liema perijodu jibda jgħodd mid-data li fiha tiġi skontata s-sentenza.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati, ESSID ELSSAEH S. AMER, għall-fini li jegħleb id-dipendenza tiegħu fuq id-droga, liema Ordni għandha tibqa' fis-seħħ għal żmien ħames (5) snin.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex jieħu konjizzjoni ta' u jimplementa, l-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tal-ħati.**

**Billi ma ġie maħtur l-ebda espert jew perit fil-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Tordna wkoll li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza fi żmien sitt ijiem tax-xogħol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**